# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1510

**tas-16 ta’ Ottubru 2020**

**dwar l-awtorizzazzjoni tal-alkoħol taċ-ċinnamil, tat-3-fenilpropan-1-ol, tat-2-fenilpropanal, tat-3-(p-kumenil)-2-metilpropjonalde-id, tal-alfa-metilċinnamaldeid, tat-3-fenilpropanal, tal-aċidu ċinnamiku, tal-aċetat taċ-ċinnamil, tal-butirat taċ-ċinnamil, tal-isobutirat tat-3-fenilpropil, tal-isovalerat taċ-ċinnamil, tal-isobutirat taċ-ċinnamil, taċ-ċinnamat tal-etil, taċ-ċinnamat tal-metil u taċ-ċinnamat tal-isopentil bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali għajr għall-annimali tal-baħar**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta’ addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri biex tingħata din l-awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10(2) ta’ dak ir-Regolament jipprevedi l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]).

(2) Is-sustanzi alkoħol taċ-ċinnamil, 3-fenilpropan-1-ol, 2-fenilpropanal, 3-(p-kumenil)-2-metilpropjonalde-id, alfa-metilċinnamaldeid, 3-fenilpropanal, aċidu ċinnamiku, aċetat taċ-ċinnamil, butirat taċ-ċinnamil, isobutirat tat-3-fenilpropil, isovalerat taċ-ċinnamil, isobutirat taċ-ċinnamil, ċinnamat tal-etil, ċinnamat tal-metil u ċinnamat tal-isopentil (“is-sustanzi kkonċernati”) ġew awtorizzati mingħajr limitu ta’ żmien f’konformità mad-Direttiva 70/524/KEE bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. Sussegwentement, dawk l-addittivi ddaħħlu fir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf bħala prodotti eżistenti, f’konformità mal-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) F’konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, tressqet applikazzjoni għall-evalwazzjoni mill-ġdid tas-sustanzi kkonċernati bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha ta’ annimali. L-applikant talab biex dawk l-addittivi jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-addittivi “addittivi sensorjali” u fil-grupp funzjonali “komposti aromatizzanti”. Mal-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Fl-opinjoni tagħha tas-6 ta’ Diċembru 2016 ([3]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (“l-Awtorità”) ikkonkludiet li fil-kundizzjonijiet proposti għall-użu, is-sustanzi kkonċernati ma għandhomx effetti avversi fuq is-saħħa tal-annimali, fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet li għall-ambjent tal-baħar, il-livell tal-użu sikur huwa stmat li huwa 0,05 mg/kg għalf. Il-livelli tal-użu proposti għas-sustanzi kkonċernati jaqbżu l-livell sikur għall-ambjent tal-baħar, u għalhekk l-użu għall-annimali tal-baħar mhuwiex awtorizzat. Fl-opinjoni tagħha l-Awtorità kkonkludiet ukoll li s-sustanzi kkonċernati huma effikaċi meta jintużaw fl-ikel, minħabba li jżidu r-riħa jew il-palatabbiltà tal-ikel. Għalhekk, dik il-konklużjoni tista’ tiġi estrapolata għall-għalf. L-applikant irtira l-applikazzjoni għall-ilma tax-xorb. Madankollu, is-sustanzi kkonċernati jistgħu jintużaw fl-għalf kompost li sussegwentement jiġi amministrat permezz tal-ilma.

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta’ Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f’għalf għall-bhejjem (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1).
[3] EFSA Journal 2017;15(1):4672.

(5) L-Awtorità kkonkludiet li huma rikonoxxuti perikli għall-ġilda, fil-kuntatt mal-għajnejn, u fl-esponiment għan-nifs. Il-parti l-kbira tas-sustanzi kkonċernati huma kklassifikati bħala irritanti għas-sistema respiratorja. Konsegwentement, jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Ivverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittivi tal-għalf fl-għalf li tressaq mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) Il-valutazzjoni tas-sustanzi kkonċernati turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(7) Jenħtieġ li jiġu previsti restrizzjonijiet u kundizzjonijiet sabiex ikun hemm kontroll aħjar. Billi r-raġunijiet ta' sikurezza ma jitolbux li jiġi ffissat kontenut massimu, u meta titqies l-evalwazzjoni mill-ġdid imwettqa mill-Awtorità, jenħtieġ li fuq it-tikketta tal-addittiv jiġi indikat il-kontenut rakkomandat. Fejn dan il-kontenut jinqabeż, fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel jenħtieġ li tiġi indikata ċerta informazzjoni.

(8) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jirrikjedux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għas-sustanzi kkonċernati, jixraq li jingħata perjodu tranżizzjonali biex il-partijiet interessati jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Awtorizzazzjoni**

Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jaqgħu taħt il-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u l-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti", huma awtorizzati bħala addittivi tal-għalf fin-nutrizzjoni tal-annimali soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Miżuri tranżizzjonali**

1. Is-sustanzi speċifikati fl-Anness u t-taħlitiet lesti minn qabel li fihom dawk is-sustanzi, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel it-8 ta' Mejju 2021 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel it-8 ta' Novembru 2020 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanzi kif speċifikat fl-Anness, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel it-8 ta' Novembru 2021 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel it-8 ta' Novembru 2020 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

3. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanzi kif speċifikat fl-Anness li jiġu prodotti u ttikkettati qabel it-8 ta' Novembru 2022 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel it-8 ta' Novembru 2020 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk dawn ikunu maħsubin għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija: Addittiv sensorjali. Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti** | | | | | | | | | |
| 2b02017 | - | Alkoħol taċ-ċinnamil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Alkoħol taċ-ċinnamil<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Alkoħol taċ-ċinnamil<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 98 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_9H_{10}O$<br>Numru CAS: 104-54-1<br>Nru FLAVIS: 02.017<br>*Metodu tal-analiżi* [1]<br>Għad-determinazzjoni tal-alkoħol taċ-ċinnamil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | |
| 2b02031 | - | 3-Fenilpropan-1-ol | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>3-Fenilpropan-1-ol<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>3-Fenilpropan-1-ol<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 98 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_9H_{12}O$<br>Numru CAS: 122-97-4<br>Nru FLAVIS: 02.031<br>*Metodu tal-analiżi* ([1])<br>Għad-determinazzjoni tat-3-fenilpropan-1-ol fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf: Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2b05038 | - | 2-Fenilpropanal | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>2-Fenilpropanal<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>2-Fenilpropanal<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 95 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_9H_{10}O$<br>Numru CAS: 93-53-8<br>Nru FLAVIS: 05.038<br>*Metodu tal-analiżi* ([1])<br>Għad-determinazzjoni tat-2-fenilpropanal fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun:<br>Għall-qtates: 1 mg/kg, u għal speċijiet u kategoriji oħrajn: 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:<br>— 1 mg/kg għall-qtates;<br>— 5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħrajn."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:<br>— 1 mg/kg għall-qtates;<br>— 5 mg/kg għal speċijiet u kategoriji oħrajn.<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2b05045 | - | 3-(p-Kumenil)-2-metilpropjo-nalde-id | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>3-(p-Kumenil)-2-metilpropjo-nalde-id<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>3-(p-Kumenil)-2-metilpropjo-nalde-id<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 90 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_{13}H_{18}O$<br>Numru CAS: 103-95-7<br>Nru FLAVIS: 05.045<br>*Metodu tal-analiżi* ([1])<br>Għad-determinazzjoni tat-3-(p-Kumenil)-2-metilprop-jonalde-id fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aro-matizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi in-dikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'konte-nut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifi-kazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qa-bel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'konte-nut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet les-ti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirri-żultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt der-mali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jin-tużaw b'tagħmir personali protettiv, in-kluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-si-kurezza u ingwanti. | 8.11.2030 |
| 2b05050 | - | Alfa-metilċinna-maldeide | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Alfa-metilċinnamaldeide<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Alfa-metilċinnamaldeide | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà. | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 95 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_{10}H_{10}O$<br>Numru CAS: 101-39-3<br>Nru FLAVIS: 05.050<br>*Metodu tal-analiżi* ([1])<br>Għad-determinazzjoni tal-alfa-metilċinnamaldeide fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | | | | | 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | |
| 2b05080 | - | 3-Fenilpropanal | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>3-Fenilpropanal<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>3-Fenilpropanal<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 95 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_9H_{10}O$<br>Numru CAS: 104-53-0 | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej: | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Nru FLAVIS: 05.080<br>*Metodu tal-analiżi* ([1])<br>Għad-determinazzjoni at-3-fenilpropanal fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | | | | | "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | |
| 2b08022 | - | Aċidu ċinnamiku | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Aċidu ċinnamiku<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Aċidu ċinnamiku<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 98 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_9H_8O_2$<br>Numru CAS: 621-82-9<br>Nru FLAVIS: 08.022<br>*Metodu tal-analiżi* ([1]) | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg." | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Għad-determinazzjoni tal-aċidu ċinnamiku fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | | | | | 5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | |
| 2b09018 | - | Aċetat taċ-ċinnamil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Aċetat taċ-ċinnamil<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Aċetat taċ-ċinnamil<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 98 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_{11}H_{12}O_2$<br>Numru CAS: 103-54-8<br>Nru FLAVIS: 09.018<br>*Metodu tal-analiżi* (1)<br>Għad-determinazzjoni tal-aċetat taċ-ċinnamil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf: | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas- | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | | | | | sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | |
| 2b09053 | - | Butirat taċ-ċinnamil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Butirat taċ-ċinnamil<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Butirat taċ-ċinnamil<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 98 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_{13}H_{16}O_2$<br>Numru CAS: 103-61-7<br>Nru FLAVIS: 09.053<br>*Metodu tal-analiżi* ([1])<br>Għad-determinazzjoni tal-butirat taċ-ċinnamil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | 6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | |
| 2b09428 | - | Isobutirat tat-3-fenilpropil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Isobutirat tat-3-fenilpropil<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Isobutirat tat-3-fenilpropil<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 98 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_{13}H_{18}O_2$<br>Numru CAS: 103-58-2<br>Nru FLAVIS: 09.428.<br>*Metodu tal-analiżi* (1)<br>Għad-determinazzjoni tal-isobutirat tat-3-fenilpropil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirri- | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | żultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | |
| 2b09459 | - | Isovalerat taċ-ċinnamil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br><br>Isovalerat taċ-ċinnamil<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br><br>Isovalerat taċ-ċinnamil<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 95 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_{14}H_{18}O_2$<br>Numru CAS: 140-27-2<br>Nru FLAVIS: 09.459<br><br>*Metodu tal-analiżi* (1)<br><br>Għad-determinazzjoni tal-isovalerat taċ-ċinnamil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | |
| 2b09470 | - | Isobutirat taċ-ċinnamil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Isobutirat taċ-ċinnamil<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Isobutirat taċ-ċinnamil<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 96 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_{13}H_{16}O_2$<br>Numru CAS: 103-59-3<br>Nru FLAVIS: 09.470<br>*Metodu tal-analiżi* (1)<br>Għad-determinazzjoni tal-isobutirat taċ-ċinnamil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2b09730 | - | Ċinnamat tal-etil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Ċinnamat tal-etil<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Ċinnamat tal-etil<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 98 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_{11}H_{12}O_2$<br>Numru CAS: 103-36-6<br>Nru FLAVIS: 09.730<br>*Metodu tal-analiżi* ([1])<br>Għad-determinazzjoni taċ-ċinnamat tal-etil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf: Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | 8.11.2030 |
| 2b09740 | - | Ċinnamat tal-metil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Ċinnamat tal-metil<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Ċinnamat tal-metil | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà. | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 98 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_{10}H_{10}O_2$<br>Numru CAS: 103-26-4<br>Nru FLAVIS: 09.740<br>*Metodu tal-analiżi* ([1])<br>Għad-determinazzjoni taċ-ċinnamat tal-metil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | | | | | 3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %.<br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | |
| 2b09742 | - | Ċinnamat tal-isopentil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Ċinnamat tal-isopentil<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Ċinnamat tal-isopentil<br>Prodott permezz tas-sinteżi kimika<br>Purità: min. 97 % assaġġ<br>Formula kimika: $C_{14}H_{18}O_2$ | L-ispeċijiet kollha ta' annimali għajr l-annimali tal-baħar | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà.<br>3. Il-kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għandu jkun 5 mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %. | 8.11.2030 |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Numru CAS: 7779-65-9<br>Nru FLAVIS: 09.742<br>*Metodu tal-analiżi* [1]<br>Għad-determinazzjoni taċ-ċinnamat tal-isopentil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija bi spettrometrija ta' massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | | | | | 4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg."<br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel, jekk jinqabeż il-kontenut li ġej tas-sustanza attiva fl-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 5 mg/kg<br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-inalazzjoni, mill-kuntatt dermali jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu permezz ta' tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir personali protettiv, inkluż protezzjoni tan-nifs, nuċċali tas-sikurezza u ingwanti. | |

[1] Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports